MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1080/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

Thomas Cassar Torreggiani

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Marzu 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm167.35 (mija sebgha u sittin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija sebgha u sittin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm 167.35) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ servizzi telefonici li jgibu in-numri ta’ 21222134 u 21222090 (a/c 40004023) liema servizz gie installat fil-fond 236A, Republic Street, Valletta skond

diversi kontijiet mibghuta lilu, propspett hawn anness markat Dok A u kuntratt relattiv markat Dok B.

Illi l-konvneut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha issir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra l-ammissjoni seduta stante.

Jiddeciedi jilqa` t-talbiet attrici kif dedotti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------